# GĦALIEX IL-QANPIENA L-KBIRA 1878 TA' ĦAL-QORMI IĠĠIB FUQHA L-ISEM TA' BENEFATTUR FURJANIŻ



STUDJU MIKTUB MILL-KAN.
DUN ĠWAKKIN SCHEMBRI B.A., Lic. D., L.S.S.



Minn ftit xhur 'l hawn, intbaħt li l-Arċipriet il-ġdid tal-Floriana, il-W.R. Dun Lawrence Zammit, m'huwiex ir-rabta waħdanija jew l-unika ħolqa bejn iż-żewġt ibliet, Vilhena u Pinto. *A Tale of Two Cities*? Fit-30 ta' Novembru, 1998, f'Ħal Qormi niżżilna għar-restawr, tal-kampnar ukoll, erbgħa minn sitt qniepen, fosthom il-Kbira fejn, minqux ismu fuqha, jissemma bħala l-benefattur ewlieni tagħha ċertu Gaetano Mangion. Nhar id-19 ta' Diċembru ta' l-istess sena li għaddiet, fil-Floriana ħa l-pussess l-Arċipriet, u għajnejja dakinhar waqgħu fuq irħama, ingastata wieqfa mal-ħajt, li tfakkar lill-benefattur kbir Furjaniż, ta' xi 140 sena ilu, negozjant jismu sewsew ***Gaetano Mangion.*** Ma domtx ma ntbaħt li t-tnejn li huma .....kienu l-istess wieħed!

## GAETANO MANGION

Min-nieqa sal-qabar is-Sur Gejtu Mangion għex dejjem il-Floriana. Kellu xi namra ? Miżżewweġ ma kienx, ħlief li b'namrata kellu l-Knisja ta' San Publju, la darba għarustu kienet il-Knisja ta' Kristu. Il-ġenituri tiegħu kienu Lorenzo Mangion u Caterina Portelli, biex ma nsejħulhomx Katarin tlikki tlikki ma' Wenzu. Gejtanu twildilhom nhar it-Tnejn, id-9 ta' April, 1804, u l-għada tgħammed ġol-knisja ta' San Publju meta kienet għadha Viċi-Parroċċa, filjali u koadjutriċi tal-Knisja Matriċi, jiġifieri tal-Kolleġġjata tan-Nawfraġju ta' San Pawl, il-Belt. Għalhekk, għalkemm fl-1804 il-Floriana kien jonqosha 40 sena sħaħ biex fil-5 ta' Marzu 1844 issir Parroċċa għaliha, kellha Viċi Parroku (Dun Ferdinandu Camilleri) biex ġo San Publju jamministra l-Magħmudija u s-Sagramenti l-oħra, waqt li l-ismijiet kienu jitniżżlu fir-Reġistru ta' San Pawl tal-Belt. (1). Dwar ħutu naf biss li oħtu Antonia twieldet fis-26 ta' Frar 1807 (2). Gejtu miet bid-deni rqiq, ġuvni ta' 54 sena, fil-Floriana pajjiżu, nhar it-Tnejn, it-28 ta' Marzu, 1859. U niżel jistrieħ ġo qabru rregalat lilu, għalih u għal niesu, fil-kripta jew ċimiterju ("*in subterraneo*" jew "*in hypogeo sub aediculis*") taħt il-knisja parrokkjali (illu Arċipretali) ta' San Publju, il-qabar nru. 6 ta' taħt il-kappelli tan-navi (3). Aktarx li l-qarrej ġa ntebaħ li, fil-każ tas-Sur Gaetano Mangion, kien il-jum tat-Tnejn mhux biss meta twieled imma wkoll meta miet: twieled l-għada ta' ***Dominica in Albis'***, u miet l-għada tat-***Tielet Ħadd tar-Randan.***

## BENEFATTUR KBIR

Gejtanu Mangion kien wieħed mill-akbar benefattur tat-Tempju majestuż tal-Prinċep ta' Gżiritna San Publju. Il-Kappillna Dun Ġan Anton vidal, meta fir-Reġistru tal-Mejtin niżżel lil Gejtu, semma wkoll tliet raġunijiet jew erbgħa għaliex dan in-negozjant jissejjaħ benefattur. Għax fit-



L-irħama kommemorattiva taħt l-arkata fejn tkun armata il-vara fil-festa.



testment tiegħu ħalla somom kbar ta' flus jiġifieri eluf u eluf (*"plura millia scutatorum"*) għal tliet opri jew erbgħa ġol-Knisja.

Ħalla: (a) flus biex kuljum issir Quddiesa fid-9.00 a.m.; (b) 3,000 skud biex għall-Floriana stess issir il-Qanpiena l-Kbira jew ta' warajha, *"ut Campana major conficeretur"*; (c) 1,000 skud biex jinxtara l-Orgni; (d) 1,5000 skud biex ikomplu jinbnew in-Navi (4). L-istess tliet opri jew erbgħa jissemmew fl-irħama kommemorattiva b'ġieħu, imwaħħla mal-ħitan tal-Knisja biswit wieħed mill-konfessjonarji, taħt l-arkata maLli nidħlu mill-bieb tal-ġenb li jġibna faċċata tan-niċċa ta' San Publju, fejn dwar it-3,000 skud imħollija minnu għall-Qanpiena naraw: *"ad aes campanum conflandum scutata tria milia adtribuit"*

## QANPIENA KBIRA

Achilli Ferris fl-1866 u Alfie Guillaumier fl-1987 tawna l-istess ħjiel dwar l-ewwel Qanpiena l-Kbira li nħadmet għall-Floriana: *"inħadmet Londra minn John Warner & Sons u ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Pace Forno fl-24 ta' April, 1862, u ġiet magħmula bi flus Gejtanu Mangion"* (5). U jien inżid nosserva li sew l-Isqof kif ukoll il-benefattur kien jisimhom gaetano. Din żgur li m'għadhiex il-Kbira, u jidhirli li fil-Floriana ma baqax ħjiel tagħha.

## ĠULJU CAUCHI, SAN PUBLJU, SAN ĠORĠ

Ħa mmorru lura xi 120 sena, u mir-Reġistri tan-Nutari, minjieri ta' konvenji u kuntratti, ta' bejgħ u xiri, ta' pagamenti u rċevuti, nisiltu l-iżviluppi li saru fis-snin 1876-1880 dwar il-Qanpiena l-Kbira jew tnejn, biex naraw sewwa x'ġara bejn il-Floriana u Ħal Qormi meta fl-14 ta' Marzu 1979 it-tieni waħda xtraha San Ġorġ minflok San Publju. Il-bronżar magħżul mill-Furjaniżi biex jaħdimhielhom kien il-magħruf Bormliż Giuliano jew Ġulju Cauchi, li kellu l-fonderija f'Għajn Dwieli, fejn kien idewweb il-metall u jfassal il-forom tal-qniepen tal-knejjes. Is-sengħa kien wiritha mingħand missieru, Mastru Salv: u, taf int, bin is-sengħa għandu nofsha. Għajb li *"ma ħabbilx moħħu biex jgħaddiha lil ħaddieħor!"* Hekk kiteb it-tabib u professur Ġużè Galea (6). Nitfarrġu xi ftit li ż-żgħażagħ Kenneth Cauchi, bla ma jiġi minn Salvu u Ġulju, hu espert fl-istorja tal-qniepen u jaf elf ħaġa dwarhom (7).

## TA' 40 QANTAR

**Id-9 ta' Settembru, 1876**

In-Nutar Dr. Gioacchino Frendo kien joqgħod 6, Strada Sant' Anna, il-Floriana. F'konvenju għandu, miktub bit-Taljan, l-Arċipriet Dr. Dun Paul Lauron u l-Prokuratur tal-Knisja ta' San Publju li kien Dr. Dun Mikelanġ Sammut u l-bqija tal-Kleru, fiż-żmien ta' qabel ma nbnew fl-1885-1892 il-faċċata u l-kampnari disinnjati mill-Prof. Nikol Zammit, fid-9 ta' Settembru 1876 lill-bronżar Mastru Giuliano Cauchi, bin il-mejjet Mastru Salvatore, qabbduh jaħdmilhom il-Qanpiena l-Kbira li tkun tiżen 37 qantar (quintali 37) u titlesta u tkun imwaħħal f'postha sat-28 ta' Frar, 1877. Fost 14-il patt jew kondizzjoni li għamlulu s-Saċerdoti Furjaniżi, Ġulju ntrabat li l-bronż tagħha jkun tar-ram aħmar u stann Ingliż (*rame rosso e stagno b'Inghilterra, senza verun'altra mescolanza di altri metalli*). Fuqha jkollha xbihat u kliem u ornament li jagħżlu huma. Fit-ton kellha tkun preċiż bħall-qanpiena l-kbira tal-Knisja tal-Karmnu tal-Belt, iżda leħinha jkun iżjed sod u iżjed qawwi (*la sua voce dovra' essere piu solida e forte*), biex kull qanpiena oħra li jordnawlu iżjed 'il quddiem tkun taqbel magħha fit-ton (*il-tono*) u l-leħen (*la voce*), ħalli jifformaw armonija waħda. Nofs il-prezz jitħallas malli titqiegħed fil-kampnar u tkun togħġobhom, u n-nofs l-ieħor jitħallas disa' xhur wara. Ftiehmu wkoll fuq il-prezz tal-bronż: kull qantar jiswielhom 150 skud Malti jew 12-il lira sterlina u nofs. Ġulju, jiġifieri Mastru giuliano Gauchi, tahom garnazija ta' sena, li jidħol responsabbli hu, kieku kellha tixxaqqaq. Offrielhom ukoll li, spejjeż tiegħu, idewbilhomwaħda mill-qniepen ta' l-arloġġ u jżidilha nofs qantar (*mezza quintale di bronzo*) biex iġibha tintona magħha u ma' l-oħrajn li ġa kellhom (8).

**It-22 ta' April, 1877**

Giuliano Cauchi tħallas akkont (*in conto del prezzo*) 3,000 skud Malti għall-Qanpiena l-Kbira li l-Furjaniżi



kienu ordnawlu fid-9 ta' Settembru 1876, bil-ħsieb li tkun lesta u mdendla f'postha sat-28 ta' Frar 1877 (9). Fil-fatt, tleştiet u twaħħlet nhar it-8 ta' April, 1877. Naturalment, in-nofs l-ieħor tal-prezz jitħallas wara disa' xhur.

**L-10 ta' Jannar, 1878**

Għaddew id-disa' xhur, u quddiem l-istess Nutar Dr. Gioacchino Frendo, iżda fid-dar tal-Prokuratur tal-Knisja Dr. Dun Mikelanġ Sammut, li kien joqgħod 47, Strada San Tomaso, fil-Floriana stess, deher Mastru Giuliano Cauchi u ngħata għalissa, flok it-tnieni nofs sħiħ tal-prezz, parti kbira minnu, jiġifieri 2,200 skud Malti, Iżjed 'il quddiem, nhar il-21 ta' April, 1879, insibuh jingħata it-822 skud u 6 tari li baqgħalu jieħu. Mela, dik il-Qanpiena l-Kbira ta' Ġulju lill-Furjaniżi switilhom b'kollox 3000+2200+822 u nofs = 6022 skudi u nofs: dawn, fi flus Ingliżi, (***bir-rata ta' nofs lira sterlina ekwivalenti għal skud Malti in moneta d'argento di Sicilia***), kienu jġibu £3011 inkella £500 bir-rata ta' skud = 20 pence bħala l-prezz ta' dik il-Qanpiena l-Kbira tas-sena 1877. Kemm kienet iżen? Meta wiżnuha għand il-Piżatur Pubbliku tad-Dwana, is-Sur Giovanni Albanese, nhar il-31 ta' Marzu 1877, sabuha tiżen fuq 40 qantar (***quintali 40 e rotola 15***) (10). Mingħand is-Sur Kenneth Cauchi sirt naf x'jismha "**Lourdes**". Fl-1877 kienu għaddew bil-kemm 20 sena mid-Dehriet tal-Madonna lil Bernardette. Fakkarni wkoll li m'għadhiex hi "**il-Kbira**", minn meta fl-1954 (**Sena Marjana!**) iżżanżnet waħda ikbar, li nħadmet Napli u berikha jew ikkonsagraha l-Arċisqof Gonzi. Ta' l-1877 tissejjaħ "**il-Kbira l-Qadima**".

## Ta' 28 Qantar

**Is-16 ta' Settembru, 1878**

Il-Furjaniżi issa lil Mastru Ġulju ta' Għajn Dwieli tawh xi bronż huma stess milli kellhom, minn xi qanpiena li twarrbet, forsi ta' l-1862, min jaf, biex bih jagħmlilhom qanpiena oħra, ikbar minn dik l-ewwel waħda, jiġifieri iżgħar mill-Kbira ta' 40 qantar. Din riduha tkun tiżen, bejn wieħed u ieħor, 28 qantar: "una nuova campana che sara' delpeso di quintali ventotto circa" (11). Li tawh huma kien bronż tal-piż ta' xi 21 qantar (quintali 21 e rotola 51), stmat li jiswa 80 skud Malti kull qantar, jiġifieri £6.13s.4d kull qantar, u l-prezz tal- 21 qantar kien għaldaqstant xi £140, biex imbagħad jidħol fil-kalkolu globali tal-prezz ta' din it-tieni qanpiena, mhux hekk? Kellha titħallas, bħassoltu, nofs il-prezz mali titlesta u tiddendel fil-kampnar u jkunu sodisfatti biha, waqt li n-nofs l-ieħor jitħallas disa' xhur wara. Tawh 2,500 skud fil-21 t'April, 1879 u 150 skud u nofs fit-22 ta' April, 1880.

**L-14 ta' Marzu, 1879**

Iżda x'ġara? F'din id-ata, ġo Ħal Qormi, għand in-Nutar Ludovico Zarb, li kellu l-uffiċċju mad-dar fil-bieb nru 1 ta' Strada Reale fejn tmiss maz-zuntier tal-Knisja l-Kbira, il-Prokuratur għaqli tal-Knisja ta' San Ġorġ, Dr. Dun Ġużepp Mifsud "***It-Trux***", bin is-Sur Ġann, xtara dik "***il-Qanpiena l-Kbira***" direttament mingħand il-bronżar Mastru Giuliano Cauchi, bejn il-mejjet Salvatore, bil-prezz ta' 4,000 skud Malti (li jġibu £400 fi flus Ingliżi). Kien ġa wiżinha fid-19 ta' Ottubru, 1878 il-Piżatur uffiċjali jew pubbliku tad-Dwana, is-Sur Giovanni Albanese, u kien iċċertifika li tiżen preċiż 28 qantar u 53 ratal (***28 quintali e 53 rotoli***). Ftit iżjed minn nofs il-prezz tħallas jiġifieri 2,400 skud ta' Malta, minnufih (***scudi 2,400 in moneta di Malta ed in pezzi di Sicilia, jiġifieri parti mill-ammont tħallset b'muniti tal-fidda ta' Sqallija***) L-1,600 skud l-oħrajn jitħallsu lil Mastru Ġulju Cauchi wara disa' xhur, preċiż kif dejjem imxew miegħu l-Kleru u l-poplu tal-Floriana. Preżenti wkoll dakinhar kien hemm il-Prokuratur tal-Knisja ta' San Publju: kien qed iċedi, f'isem il-Furjaniżi, kull dritt fuq il-Qanpiena mdaqqsa tagħhom, ta' wara l-Kbira. Għamlu sew il-Qormin xtrawha, urieni s-Sur Kenneth Cauchi, għax, hi x'inhi, kif kienu igħidu l-Maltin, "***dik sabiħa! dik ta' Ġulju!***"

**"It-Trux" tarrxitu l-Kbira?**

U Mastru Ġulju lil Dun Ġużepp "It-Trux", kunjomu Mifsud, tah ukoll il-garanzija ta' sena. Ix-xhieda, f'dan il-kuntratt ta' bejgħ jew xiri, kienu tnejn: il-Kappillan ta' Ħal Qormi, Dun Alwiġ Ellul, kif ukoll iż-żagħżugħ Dun Ġużepp Borg "*Il-Gedudu*", bin in-



Il-qanpiena mmsemmija fil-fonderija fejn bħalissa qiegħda tiġi rrestawrata



negozjant Ġorġ. Iffirmaw, ibda biex, iż-żewġ Prokuraturi tal-Knisja f'isem il-Kleru u l-Poplu ta' Ħal Qormi (Dr. Dun Ġużepp Mifsud u tal-Floriana (Dr. Dun Mikelanġ Sammut). Iffirmaw ukoll il-bronżar u n-nutar: qed ingħid għal Mastru Giuliano Cauchi u l-Manjifiku Ludovico Zarb, qishom f'pika bejniethom.... dwar....min l-inqas.....jaf iħarbex.....ismu.....(12).

## Nhar il-Għid il-Kbir, 1879

Dun Ġużepp Mifsud (għalkemm kien qed ikompli jittarrax ġmielu) għamel ħiltu jdur mat-toroq u f'qasir żmien il-Qanpiena l-Kbira ġabar għaliha iżjed milli ried. Terġa' u tgħid, l-ewwel dar fuq il-Fratelli sew tal-Vjatku kif ukoll tar-Rużarju, għax hu nżerta kien is-Segretarju ta' Fratellanza u oħra (13). L-Għid dik is-sena ħabat fit-13 ta' April, 1879, xahar wara l-kuntratt (14.3.1879), ġurnata sabiħa ta' l-akbar Festa, Jum l-Irxoxt, u kien sewsew dakinhar li l-Qriema l-qanpiena l-ġdida, il-Qanpiena l-Kbira, tellgħuha fil-kampnar. U l-għada kien it-Tnejn. Ara x'kiteb il-kittieb magħruf Qormi, Ġużè Muscat Azzopardi (jew Ġ.M.A.): "*Ma nistax infisser kemm ferħu n-nies ta' dan ir-raħal meta nhar it-Tnejn (14.4.1879), fil-11 ta' filgħodu, irnexxielhom jisimgħu l-ewwel darba d-daqq sabiħ ta' din il-qanpeina! Ingħidlek biss li l-Qormin ilhom jixtiquha aktar minn ħamsin sena!.... U kellhom tassew biex jitgħaxxqu, għaliex dan ix-xogħol ta' l-imgħallem Ġulju Cauchi ħareġ tant sabiħ li l-qanpiena ta' Ħal Qormi ma tibża' mill-ebda oħra, għalkemm akbar minnha mit-toqol*" (14)

## L-Iskrizzjoni: "Twelidt fl-1878"

X'tgħidilna l-kitba bil-Latin li għandha mnaqqxa fil-bronż din il-Qanpiena l-Kbira ta' Ħal Qormi? Tinsiex li l-"mibki" benefattur Gaetano Mangion, Furjaniż mit-twelid sal-mewt, jissemma fuqha għax oriġinarjament għall-Floriana kienet, mhux għal Ħal Qormi. Mela, bil-Latin għandha miktub: "***Mro. Giuliano Cauchi, Malta, Cospicua, Partim ex aere defuncti Caietani Mangion, partim ex Cleri Populique pecunia conflata, Immaculata vocor. Nata sum Anno 1878.***" Fi lsienna l-iskrizzjoni tista' tinqaleb hekk: "***Jiena ħriġt mill-fonderija ta' Mastru Guljanu Cauchi, f'Bormla hawn Malta, u is-sawwart sew bi flus il-mibki Gaetano Mangion kif ukoll bil-ġbir fost il-Kleru u l-Poplu. Jisimni Immakulata, u twelidt fis-sena 1878***".

## ...... u adottawni l-Qormin

Meta jistaqsuni jekk din il-Qanpiena l-Kbira ta' Ħal Qormi tgħoddx ruħha Qormija nkella Furjaniża, wara li aktarx laħqet tlegħet ġol-kampnar ta' San Publju u niżlet, inwieġeb xi ħaġa hekk: ***jekk niġu f'dan, wellditha l-magħrufa fonderija ta' Ġulju Cauchi ġo Għajn Dwieli u tgħammdet fl-1878 stess bl-isem li tawha l-Furjaniżi, iżda ma damitx ma sabet xortiha xort'oħra meta adottawha l-Qormin fl-1879. Għal min ma jafx, insemmu wkoll li l-Floriana qisha ma setgħetx tistabar: b'hekk, biex timla ċertu vojt fil-psike tagħha jew fis-subkonxju, talbet lil Ġulju Gauchi mill-ġdid jipprovdilha oħra, li tkun f'armonija aħjar ma' ħutha, u tkun 'replacement' b'xi mod f'waqtu, imbasta ġġib fuqha isem l-istess benefattur Gaetano Mangion u isimha bil-Latin jerġa' jkun "Immaculata***" (15).

## Fuq l-għatba ta' Millenju ġdid

Xejn m'hu wieqaf, la ż-żmien u lanqas tax-xmara jew tal-baħar. In-nisġa tal-ġrajjiet dejjem uriet li spiss qanpiena kbira "twarrbet", skond il-ħtieġa, minn waħda ikbar. Fil-Floriana, il-Kbira tas-sena 1954 issuperat lill-Kbira tas-sena 1877. B'dak l-istess ritmu, la darba



ħaġa titlob lil oħra, ma nafx jekk hux f'Ħal Qormi wkoll wasal iż-żmien li ...... l-Qanpiena l-Kbira ta' l-1878...... tixxennaq li ......... li jkollha l-għajnuna ta' ........Qanpiena ikbar..... għall-Millenju l-ġdid...... U jdoqqu f'armonija l-Kbira l-Qadima u l-Kbira l-Ġdida. U jimtela' l-vojt ta' nota nieqsa.

*Joachim Schembri*
*22.1.99*

## RIFERENZI

1. Arkivju ta' San Pawl, Valletta: Magħmudija, XIV, 1797-1809, p. 316. Tawh l-ismijiet: Gregorio, Gaetano, Saverio, Vincenzo.
2. L-istess Reġistru, p. 593. Semmewha: Antonia, Fedela, Concetta, Vincenza.
3. Arkivju ta' San Publju, Floriana: Mejtin, 1, 1844-1869, p. 254. Ara wkoll l-irħama kommemorattiva li ġa semmejna, u se nerġgħu fil-paragrafu li jmiss: hemm naqraw li miet bid-deni rqiq jew deni biered: "diutino morba afflictatus".
4. Ara n-nota nru. 3, ta' qabel din.
5. Achille Ferris, "Descrizione Storica della Chiese di Malta e Gozo", Malta, 1866, p. 235; Alfie Guillaumier, "Bliet u Rħula Maltin", Malta, 1972, p. 77; Malta, 1987, pp. 192-193.
6. Ġużè Galea, "Xogħol u Snajja" ta' l-Imgħoddi", Malta, 1972 (edizz, 2), p. 155.
7. Ara: Roberta Keasley, "Kenneth Gauchi: A Name that Rings a Bell", Tune-In, Sept. 1997. Lis-Sur Kenneth Cauchi roddlu ħajr għal kull tagħrif li tani, u l-aktar għax ġibidli l-attenzjoni għax-xebh li hemm bejn skrizzjoni u oħra: dik ta' fuq il-Qanpiena l-Kbira (1878) ta' Ħal Qormi u dik ta' fuq il-Qanpiena (1879) tal-Floriana li ssostitwietha. Anke jekk m'humiex preċiżi ta' l-siess daqs jew piż (28 qantar), it-tnejn jisimhom "Immaculata", u t-tnejn iġibu isem il-benefattur Gaetano Mangion. Isem Cauchi ieħor, jiġifieri isem Kenneth, ġa deher kemm-il darba bħala l-kittieb ta' diversi artikli ta' studju miktubin bis-sengħa f'uħud mill-ġurnali u weeklies u rivisti, Malta u barra.
8. Atti tan-Nutar Dr. Gioacchino Frendo: 9.9. 1876, pp. 4385-4410, fir-Reġistri għand in-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel, li rroddlu ħajr għax indikahomli u stedinni nikkonsultahom.
9. Gioacchino Frendo, 22.4.1877.
10. Gioacchino Frendo, 10.1.1878 (b'radd il-ħajr li Dr. Spiteri Maempel), pp. 57-64.
11. Gioacchino Frendo, 16.9.1878, pp. 5237-5249 (konservatur: Nut. Dr. G. Spiteri Maempel).
12. Atti tan-Nutar Ludovico Zarb, 14.3.1879, fl-Arkivji tan-Nutari, il-Belt.
13. Arkivju tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi: Libro delle Consulte della Confraternità: (a) del SSmo Sacramento (16.3.1879), fol. 46r; (b) del SSmo Rosario (11.1.1880), fol. 64r Registro Veneranda Lampade (1872, eċċ) 28.9.1880.
14. "In-Naħla Maltija", 19.4.1879; ara Ġużè Cassar Pullicino, "Studji dwar Ġużè Muscat Azzopardi", Malta, 1991, p.14.
15. Atti tan-Nutar Dr. Dioacchino Frendo (konservatur in-Nutar Dr. Gerard Spiteri Maempel), 21.4.1879, fejn Ġulju Gauchi kompla tħallas tal-Qanpiena l-Kbira (1877) ta' 40 Qantar, kif ukoll tal-Qanpiena ta' warajha (a 878) ta' 28 Qantar; 22.4.1880, fejn kompliet tħallset għal kollox dik it-Tieni Qanpiena (1878) ta' 28 Qantar, li fl-14.3.1879 kienet għadha kemm inbiegħet lil Ħal Qormi. Fis-16.3.1882, lil Ġulju Cauchi l-Furjaniżi temmew iħallsuh tat-tielet u r-raba' mill-erba' qniepen li għandhom tiegħu.